# 150 Sena ta' Storja Glorjuża
## siltiet Mill-Aktar Avvenimenti Importanti Tal-Każin Santa Liena *Banda Duke Of Connaught's Own*

**1865** - Mro Tommaso Galea, ispirat mill-entużjażmu li kien inħoloq f'diversi lokalitajiet, ħeġġeġ lil wieħed mill-mużiċisti tiegħu, s-Sur Karm Borg, sabiex jibda jlaqqa' numru ta' allievi u jħarriġhom strument tal-mużika lejn il-bidu tal-1863. Meta ra li n-numru tlaqqa' sew, fl-1865 għaqqad banda bl-isem ta' "Filarmonica Sant'Elena", u daqqet l-ewwel programm tagħha fi Pjazza Sant'Elena.

**1871** - F'Mejju ta' din is-sena, il-banda taħt id-direzzjoni ta' Mro Tommaso Galea, daqqet programm mużikali fi Pjazza Sant'Elena fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tad-Duttrina tal-1871, li dak iż-żmien kienet b'saħħitha u popolari kważi daqs il-festa titulari ta' Santa Liena.

**1872** – Mro Tommaso Galea ikkompona l-ewwel *Inno di Gloria ad unur Sant'Elena*, b'versi tal-Kanonku Dun Ġwann Buġeja bil-lingwa Taljana. Dan l-innu ndaqq għall-ewwel darba fis-26 ta' Awwissu ta' din is-sena.

**1881** - Insibu li f'din is-sena l-banda kienet magħrufa bl-isem ta' *Società Filarmonica di Birchircara,* u kellha s-*sede* tagħha f'dan l-indirizz: 24, Triq Santa Liena, fejn illum hemm il-maħżen tal-Għaqda tal-Armar Sant'Elena.

**1890** - L-isem tal-banda kien inbidel għal dak ta' *Società Filarmonica L' Alleanza.* Bħala president u segretarju kellha lill-Prokuratur Legali Costantino Fenech, iz-ziju tas-Sur Tommaso Fenech.

**1893** - Nhar il-11 ta' Ġunju ta' din is-sena, is-Surmast Galea miet fl-età ta' 66 sena. Fil-funeral tiegħu, ħadu sehem il-*Filarmonica L'Alleanza* u l-*Filarmonica La Stella,* fejn iż-żewġ baned daqqew marċi funebri kompożizzjonijiet kollha tal-istess Mro Tommaso Galea. Il-*Filarmonica La Stella* kienet banda oħra Karkariża li ffurmat fl-1890 u waqfet fl-1904. Is-suċċessur ta' Mro Tommaso Galea kien Costantino Fenech, li kien ukoll President tas-Soċjetà.

**1895** – Il-President u Surmast Costantino Fenech sejjaħ seduta li fiha ġie deċiż li l-isem tal-banda *L' Alleanza* jinbidel għall-*Società Filarmonica Sant'Elena,* u s-Soċjetà żżomm ir-rabta ta' *L'Alleanza* billi l-każin jissemma *Circolo Leone XIII* għall-Papa li waqqaf il-Konċilju Vatikan l-Ewwel. Bħala surmast direttur tal-banda ġie appuntat l-Għawdxi Mro Antonio Micallef.

**1900** - F'Awwissu ta' din is-sena, is-Surmast Direttur Raffaele Ricci kkompona *Inno a Sant'Elena Imperatrice* fuq kliem tal-Professur il-Kanonku Dun Ġwann Bugeja. Dan l-Innu l-Kbir, kif inhu magħruf, kiseb popolarità kbira u għadu jindaqq sal-lum il-ġurnata.


Mro Tommaso Galea 1865 - 1893


Mro Raffaele Ricci 1899 - 1904


Mro Carmelo Brincat 1956 - 1968


Mro Andrew Coleiro 1977 - 2008

**1903** – F'din is-sena kien hawn Malta l-Altezza Rjali d-Duka ta' Connaught. Fl-istess ħin, il-banda kienet qed tħejji biex tagħmel uniformi ġdida. F'seduta tal-kumitat ġie deċiż li ssir uniformi militari u għalhekk marret kummissjoni mmexxija mill-President ta' dik il-ħabta Dr Alfred Parnis għand id-Duka biex tgħarrfu bil-proposta. Id-Duka aċċetta u anke ssuġerixxa li jagħti ismu lill-banda. B'hekk, il-banda reġgħet tgħammdet b'isem ġdid ta' *Società Filarmonica Duke of Connaught's Own* li żammitu sal-lum. F'seduta tal-kumitat ġie deċiż li l-isem komplut ikun *Circolo Sant'Elena e Filarmonica Duke of Connaught's Own*. L-uniformi l-ġdida ġiet mżanżna meta d-Duka stieden lill-banda biex tagħmel programm mużikali fil-ġnien privat ta' San Anton.

**1908** – Insibu li s-*sede* tas-soċjetà kien fi Triq Santu Rokku. Il-President kien Domenico Vassallo u Surmast Direttur kien Alfred P. Hare.

**1913** - Waqt il-Kungress Ewkaristiku li sar f'pajjiżna, l-Banda *Duke of Connaught's Own* laqgħet lill-Kardinal Francica Nava fejn akkumpanjatu mill-bidu ta' Fleur-de-Lys sal-Kolleġġjata bid-daqq ta' marċi. Malli l-Kardinal wasal fil-Kolleġġjata, il-banda daqqet l-Innu tal-Papa u ġie milqugħ b'tislima militari.

**1914** - Is-soċjetà biddlet is-*sede* tagħha minn Triq Santu Rokku għal Pjazza Sant'Elena, u baqgħet topera f'dan il-post sal-1937, sakemm marret fil-post attwali fi Triq il-Wied.

**1919** – Wara t-tmiem tal-Ewwel Gwerra Dinjija, il-problema finanzjarja fil-pajjiż f'dawn is-snin kienet waħda kbira u l-poplu kienet qed jgħix fil-faqar u t-tbatija. Din affetwat mhux ftit l-andament tas-soċjetà u l-banda li wasslet biex il-kumitat tas-soċjetà kien jieħu passi drastiċi billi jammonixxi jew jissosspendi għal numru ta' xhur lil dak li jkun kiser dawn ir-regolamenti, jew saħansitra jkeċċih minn membru. Din kienet ir-raġuni għalfejn il-banda tilfet numru ta' bandisti fi ftit xhur.

L-inkwiet li kienet għaddejja minnu is-Soċjetà f'dan il-perjodu laħaq il-qofol tiegħu fil-bidu tas-sena 1919. Kien l-istess żmien meta bdiet tiltaqa' l-*Assemblea Nazzjonali* magħmula wkoll mir-rappreżentanti tal-għaqdiet Karkariżi biex jifforma l-ewwel Gvern awtonomu Malti. F'xi seduti ġenerali tal-kumitat fil-bidu tal-1919, jidher li seħħet qasma bejn il-membri anki minħabba l-fatt li kienu nstabu xi oġġetti neqsin mis-*sede* tas-soċjetà.

Probabbli li waħda mir-raġunijiet għal dan it-tilwim bejn il-membri u l-kumitat tas-Soċjetà kienet proprju ta' natura politika, fejn mhux il-membri kollha kienu jaqblu mal-ideal tal-kumitat li kien mmexxi mill-Avukat Francesco Buhagiar, membru rispettat tal-partit politiku *Unione Politica Maltese* (il-Partit ta' Panzavecchia). Membri li uħud minnhom riedu bidla fil-kariga ta' President tas-soċjetà. Raġuni oħra li wisq probabbli wasslet għal dan it-tilwim fi ħdan din is-soċjetà kienet ix-xoljiment tal-Kumpanija tat-teatrin fi ħdan is-soċjetà, li ssemmiet aktar qabel. Xi membri ħaduha bi kbira għal din id-deċiżjoni tal-kumitat, u jista' jkun li minn hawn nibtet l-ideà li huma jaħtfu il-każin f'idejhom. Dan kollu wassal sabiex


Marċ ta' filgħodu fil-ħamsinijiet


Il-Banda fil-ħruġ tal-Purċissjoni 1952


Id-debutt ta' Mro Carmelo Brincat 1957


Il-banda ddoqq għall-aħħar darba God Save the Queen 1964


Marċ ta' filgħodu 1978


Il-banda ġewwa Sorrento 1995


Il-banda fit-Tunezija 1999



Kunċert tal-Millenju fl-aħħar tal-1999

jitwaqqaf iċ-*Circolo Sant'Elena*, illum magħrufa bħala l-Għaqda Mużikali Sant'Elena.

F'Awwissu tal-istess sena, L-istatwa ta' Santa Liena nġiebet lura Birkirkara wara li ġiet indurata mill-ġdid u kienet akkumpanjata minn ħdejn l-Istazzjon tal-Ferrovija sal-knisja Kolleġġjata fost l-oħrajn mill-Banda *Duke of Connaught's Own.*

**1923** - F'Novembru, il-President tas-soċjetà l-Avukat Francesco Buhagiar, ġie elett fil-Parlament f'isem il-Partit Nazzjonalista ta' Panzavecchia (UPM) fejn ukoll kien maħtur Prim Ministru ta' Malta.

**1926** – F'Settembru Il-Banda *Duke of Connaught's Own* siefret fil-belt ta' Katanja ġewwa Sqallija fejn għamlet programm li kien milqugħ b'akklamazzjoni kbira u ġiet irregalata standard bl-istemma tal-belt ta' Katanja.

**1928** - Il-Banda *Duke of Connaught's Own* kellha sehem kbir fil Festi Ċentinarji ta' din is-sena li kienu qed ifakkru is-16-il ċentinarju mill-mewt tal-Patruna Santa Liena fejn tellgħet programmi mużikali u għamlet ukoll marċ mat-triqat prinċipali ta' Birkirkara.

**1929** - Membru attiv fis-Soċjetà, Rosario Micallef, ħa inizjattiva flimkien ma' xi dilettanti tan-nar Karkariżi sabiex tinbena kamra tan-nar sabiex fiha jinħadem nar mill-partitarji tal-banda għall-festi ta' Santa Liena u għall-festa tal-Madonna tad-Duttrina. Din il-kamra ttellgħet propju fuq għalqa, proprjetà ta' Micallef stess ġo sqaq fi Triq Ganu, Birkirkara.

**1930** – F'Settembru il-banda marret ġita f'Noto fi Sqallija, l-Italja għall-festa ta' *San Corrado.* F'Noto, il-banda għamlet marċ filgħodu u iħeor filgħaxija fejn fost l-oħrajn daqqet l-Innu Taljan. Għamlet ukoll programm mużikali f'*Villa Umberto.* Il-banda ġabet lura magħha Malta tazza tal-fidda rregalata mill-poplu ta' Noto.

**1932** - Il-Ħadd 17 ta' Jannar ta' din is-sena waslet u tpoġġiet fil-kampnar tax-xellug tal-Kolleġġjata Elenjana l-qanpiena l-kbira "Helena" li nħadmet mid-ditta *Prospero Barigozzi* ta' Milan. Iż-żewġ baned Karkariżi akkumpanjaw il-qanpiena minn Fleur de Lys sa fuq iz-zuntier tal-Kolleġġjata quddiem pjazza ippakkjata bin-nies.

**1937** - Jum memorabbli għas-soċjetà kien il-Ħadd 12 ta' Diċembru 1937 meta ħalliet is-*sede* tagħha f'numri 1 sa 4, Pjazza Santa Liena u niżlet b'marċi brijużi mid-dar l-antika għal dik l-ġdida u kbira f'post prominenti fi Triq il-Wied.

**1941** - Fit-Tieni Gwerra Dinjija, is-Soċjetà Każin Santa Liena Banda *Duke of Connaught's Own* ttrasformat ruħha f'refuġju fejn laqgħet 136 ruħ, evakwati minn djarhom fil-Kottonera, serva wkoll bħala l-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, wara li dan iċċaqlaq mill-Belt Valletta u anki ospita klassi primarja tal-iskola tal-Gvern.

# Sotto Kumitat 150 Sena Banda




*Wara mix-xellug:* George Peresso, Stefania Saliba, Theresa Calleja, Marco Grech.
*Quddiem mix-xellug:* Chris Micallef, Carmelo Calleja, Eric Busuttil u Chev. Micheal Angelo Doublet




**1944** - Nhar il-Ħadd 19 ta' NovembrU, il-Banda *Duke of Connaught's Own* akkumpanjat fil-pellegrinaġġ storiku meta l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni ta' Bormla u l-kwadru tagħha nkurunat, wara li kienu miżmuma fil-Kolleġġjata ta' Birkirkara matul il-Gwerra. Dan il-pelegrinaġġ għadda minn quddiem is-*sede* tas-soċjetà fi Triq il-Wied.

**1945** – Fl-1 t'Ottubru tal-1945 l-Kaptan, aktar tard Maġġur, Anthony Aquilina nħatar Surmast Direttur tal-istess banda u dam fil-kariga sas-sena 1956.

**1948** - Il-planċier l-ġdid tas-soċjetà ġie armat għall-ewwel darba għall-wiri fil-Ġnien tal-Argotti fil-Furjana waqt fiera suċċess li organizzat is-soċjetà. Ġimgħa wara ġie inawgurat dan il-planċier il-ġdid fi Pjazza Sant'Elena u mbierek mill-Wisq Reverendissmu Dekan Dun Kostantino Muscat. F'din l-okkażjoni l-banda tellgħet programm memorabbli taħt il-patroċinju tal-Prim Ministru, it-Tabib Paul Boffa.

**1950** - Wara erbatax-il sena, ġiet solvuta il-kwistjoni tal-Ġuspatronat u ġeġġħu bdew il-festi esterni f'Birkirkara. Fl-okkażjoni tal-Festa tas-Salib Mqaddes, saret il-purċissjoni bil-vara ta' Santa Liena bis-sehem taż-żewġ baned Karkariżi. Il-Banda *Duke of Connaught's Own* għamlet ukoll programm mużikali fuq il-planċier l-ġdid fi Pjazza Sant'Elena. Fil-festi titulari speċjali, il-purċissjoni ta' Santa Liena saret filgħaxija u għaddiet minn Triq il-Wied.
**1956** - F'Mejju nħatar surmast direttur ġdid, Mro Carmelo Brincat. Dan is-surmast jibqa' mfakkar għall-Innu tal-Band li hu kkompona fl-1965 fil-festi ċentinarji tas-soċjetà.

**1960** - F'Birkirkara ġew iċċelebrati festi ċentinarji speċjali f'ġieħ l-Appostlu Missierna San Pawl sabiex ifakkru l-1900 anniversarju mill-miġja tal-Appostlu qaddis f'Malta. Il-Banda *Duke of Connaught's Own* ħadet sehem f'dawn il-festi.

**1964** - Nhar il-Ħadd 20 ta' Settembru filgħaxija, il-Banda *Duke of Connaught's Own* kienet l-aħħar banda Maltija li daqqet il-*God Save* bħala l-innu uffiċċjali f'pajjiżna. Dan seħħ meta hi tellgħet quddiem il-Ġnien tal-Mall, il-Furjana taħt id-direzzjoni ta' Mro Carmelo Brincat. Dakinhar, ftit passi bogħod saret iċ-ċerimonja tal-għoti tal-Indipendenza. Minn dak in-nhar l-Innu Malti beda jindaqq flok dak ingliż.

**1965** – Is-soċjetà organizzat festi speċjali sabiex ifakkru l-Ewwel Ċentinarju mit-Twaqqif tal-ewwel Banda Karkariża. Il-qofol tal-festi kien il-programm li l-banda għamlet fuq il-planċier nhar il-Ħadd 22 t'Awwissu ħdejn il-każin ta' Birkirkara F.C., fil-Wied, ftit passi bogħod mill-każin. F'din il-festa żżanżan Innu tal-Banda ġdid, versi tal-poeta Karkariż Ġorġ Portelli u mużika tas-Surmast Direttur Carmelo Brincat.

**1968** – Fit-2 ta' Jannar miet is-Surmast Direttur tal-Banda Carmelo Brincat fl-età ta' 71 sena u sarlu funeral mill-aktar meqjus u rispettabbli bis-sehem tal-Banda *Duke of Connaught's Own*. Mro Emmanuel Brincat wiret il-bakketta ta' missieru u ġie appuntat bħala s-Surmast Direttur l-ġdid.




Marċ tat-Te Deum 1965



L-istatwa ta' Santa Liena quddiem il-Każin 1978

**1971** - Fix-xahar ta' Lulju, l-ogħla kariga ċivili f'pajjizna. Nhar is-Sibt 27 ta' Novembru, is-soċjetà stiednet lill-Eċċellenza Tiegħu Sir Anthony Mamo u s-Sinjura Tiegħu wara li ġie appuntat Gvernatur Ġenerali ta' Malta. Huma ġew milqugħa mill-banda bid-daqq tal-Innu Nazzjonali Malti.

Fl-istess sena, Dr. Joseph M. Fenech nħatar President tas-soċjetà u dam f'din il-kariga sal-2005 meta mar jiltaqa' mal-Mulej.

**1977** - F'Mejju Mro Andrew Coleiro, dak iż-żmien Assistent Surmast u għalliem tal-allievi, ġie maħtur bħala s-Surmast Direttur l-ġdid tal-Banda. Is-Surmast Coleiro ħadem ħafna għall-avvanz tal-banda u bla dubju jibqa' msemmi għar-repertorju kbir ta' marċi brijużi u melodjużi li jpaxxu l-widna.

**1978** - Din is-sena ħabtet l-1650 anniversarju mill-mewt tal-patruna Santa Liena. Għalhekk, f'Birkirkara saru festi biex jitfakkar dan l-avveniment storiku. Saru festi kbar fejn il-Banda *Duke of Connaught's Own* ħadet sehem fl-Akkademja Mużiko-Letterarja fil-Bażilika Elenjana. Għamlet ukoll marċ brijuż mat-toroq prinċipali ta' Birkirkara fl-okkażjoni tal-Ewwel u l-Aħħar Jum tat-Tridu, kif ukoll f'jum il-festa il-Ħadd filgħodu li beda minn Pjazza Sant'Elena. Filgħaxija il-puċissjoni bl-istatwa ta' Santa Liena kienet għal darb'oħra għaddiet minn quddiem is-"sede" tas-Soċjetà fi Triq il-Wied.

**1984** – Fl-okkażjoni tal-festa titulari, iżżanżnet l-statwa ta' Santa Liena tas-soċjetà li tintrama quddiem il-każin, xogħol l-istatwarju Għawdxi Michael Camilleri Cauchi.

**1987** – Fl-okkażjoni tal-festi speċjali f'għeluq il-150 sena minn meta nħadmet l-istatwa titulari ta' Santa Liena, saru festi speċjali bis-sehem tal-Banda *Duke of Connaught's Own* fejn għal-darb'oħra il-purċissjoni saret filgħaxija u għaddiet minn Triq il-Wied.

**1988** – Għall-festa ta' Santa Liena, ġiet mżanżna l-isatwa tas-Soċjetà ta' Kostantinu Manju riekeb fuq iż-żiemel, xogħol l-istatwarju Għawdxi Michael Camilleri Cauchi.

Għall-festi tal-Milied ta' din is-sena, is-Soċjetà organizzat kampanja ta' pubbliċità u ġbir ta' fondi b'riżq il-*Malta Community Chest Fund.* Is-Sur Paul Xuereb, Aġent President tar-Repubblika ta' Malta, akkumpanjat mis-Sinjura tiegħu, għamlu żjara lis-socjetà f'din l-okkażjoni. Huma ġew milqugħa quddiem is-*sede* tas-soċjetà mill-Banda *Duke of Connaught's Own* li daqqet l-Innu Nazzjonali Malti. Aktar tard, l-Aġent President Xuereb kien laqa' delegazzjoni tas-soċjetà fil-Palazz ta' San Anton

**1989** – Fl-okkażjoni tal-festi sabiex ifakkru l-25 anniversarju tal-Indipendenza ta' Malta., il-banda ġiet mistiedna tieħu sehem f'maratona tal-baned.

**1990** – Din kienet sena speċjali għas-soċjetà, hekk kif din fakkret il-125 anniversarju mit-



Il-faċċata tal-każin armata għall-festa



Il-Viċi President is-Sur Lino Meli jippreżenta tifkira lis-Sur Ġorġ Portelli awtur tal-versi tal-Innu tal-Banda

twaqqif tagħha. Għaldaqstant, ġie mfassal programm t'attivitàjiet soċjokulturali, programm mill-allievi u Akkademja mużikoletterarja fil-Bażilika Kolleġġjata Elenjana.

F'Mejju ta' din is-sena il-banda wkoll daqqet quddiem is-*sede* sabiex issellem lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-okkażjoni taż-żjara tiegħu f'Malta.

Wara l-festa tal-1990 ġie mwaqqaf Kumitat Żgħażagħ fi ħdan din is-Soċjetà, l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu ġewwa Birkirkara.

**1994** – Fid-19 ta' Novembru, Jum it-Tifkira, iż-żewġ baned ewlenin Karkariżi, il-Banda *Duke of Connaught's Own* u l-Banda Sant'Elena akkumpanjaw l-istatwa devota tal-Immakulata Kunċizzjoni ta' Bormla li sar sabiex ifakkar il-50 anniversarju mill-pellegrinaġġ storiku. Fost l-oħrajn anki din id-darba dan il-pellegrinaġġ għadda minn quddiem is-*sede* tas-soċjetà fi Triq il-Wied.

**1995** - Tfakkar il-130 anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjetà kif ukoll il-ħames anniversarju mit-twaqqif tal-*Kumitat Żgħażagħ.* Saru żewġ programmi kbar mill-banda, wieħed fil-Kulleġġ San Alwigikif ukoll Akkademja fil-Bażilika.

Wara l-festa tal-1995, bejn it-28 t'Ottubru u l- 5 ta' Novembru, il- Banda *Duke of Connaught's Own*, immexxija mill-ufficjali tal-kumitat u s-Sindku ta' Birkirkara s-Sur George Debattista, għamlet żjara soċjokulturali ġewwa Sorrento, l-Italja. Il-banda, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Andrew Coleiro, esegwiet programmi fil-*Chiostro di San Francesco.*

**1999** - Għall-ewwel darba fis-*sede* tas-Soċjetà, ittellgħet wirja sagra fil-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa u nfetħet lejlet Jum id-Duluri mill-Prepostu Kan. Dun Anton Vella.
F'Marzu tal-1999 il-Banda *Duke of Connaught's Own* siefret it-Tuneżija, fejn flimkien mal-banda Għawdxija min-Nadur *Imnarja,* daqqet fil-Karnival ta' Tuneż f'Hamamet fejn ferrħet lill-pubbliku b'marċi karnivaleski.

Għall-ewwel darba f'Malta it-tliet baned Karkariżi daqqew taħt l-istess saqaf fl-istess ġurnata fis-sala Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fil-Belt Valletta fil-Kunċert tal-Millenju organizzat mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar il-Ġimgħa 3 ta' Diċembru 1999.

**2000** - Tfakkar il-ħamsin sena minn meta il-Kolleġġjata Elenjana ġiet mgħollija għat-titlu ta' Bażilika Minuri. Lejlet il-festa tas-Salib Imqaddes, nhar it-2 ta' Mejju, il-Banda *Duke of Connaught's Own* esegwiet Akkademja vokali u strumentali fil-Bażilika fuq stedina tal-Kapitlu Elenjan. Għal darb'oħra il-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Liena saret filgħaxija u għaddiet minn Triq il-Wied fost l-oħrajn bis-sehem tal-Banda *Duke of Connaught's Own.*
**2003** - Il-Banda *Duke of Connaught's Own* tellgħet Akkademja fil-Bażilika Kolleġġjata Elenjana sabiex tfakkar il-1675 sena mill-mewt u l-gloriifikazzjoni tal-patruna Santa Liena. Saru festi speċjali u l-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Liena reġgħet għaddie tminnTriq il-

Wied bis-sehem taż-żewġ baned Elenjani Karkariżi.

**2004** - Is-Soċjetà organizzat għall-ewwel darba f'Birkirkara mixja Bibblika u *paegent* mat-toroq ewlenin fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa, fejn il-banda tat ukoll is-sehem tagħha.

**2005** – Fl-24 ta' Marzu ħalla din id-dinja l-eks-President maħbub tas-Soċjetà, l-Dr. Joseph M. Fenech, kariga li dam jokkupa għal 36 sena. L-eks-President ingħata l-aħħar tislima waqt korteo funebri mmexxi mill-Banda *Duke of Connaught's Own* minn quddiem is-*sede* tas-Soċjetà sal-Bażilika Elenjana, fejn saret il-quddiesa funebri.

Bħala suċċessur tas-Sur Joe inħatar Dr Carmel Chircop, il-President attwali tas-Soċjetà.

Matul din is-sena is-Soċjetà fakkret 140 anniversarju mit-twaqqif tagħha billi tellgħet kunċert fis-sala Sir Temi Zammit fl-Università ta' Malta f'Tal-Qroqq. Minbarra l-anniversarju tal-banda, fl-2005 Birkirkara kienet qiegħda tiċċelebra t-375 sena mit-twaqqif tal-Kolleġjata tagħha. Il-Kapitlu Elenjan flimkien mas-Soċjetà Dun Filippu Borgia u l-Banda *Duke of Connaught's Own* organizzaw Akkademja fil-Bażilika Kolleġjata Elenjana nhar id-29 t'April.
**2006** - Iżżanżnet statwa ġdida, dik ta' Kristu Redentur, għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa, kapulavur tal-istatwarju Għawdxi l-Kavallier Michael Camilleri Cauchi.

**2007** – Iż-żewġ baned Karkariżi akkumpanjaw il-korteo funebri tal-ħames vittmi Karkariżi tal-kamra tan-nar sal-Bażilika Elenjana, liema traġedja seħħet fit-27 ta' Ġunju.

Fis-16, 17 u 18 ta' Novembru tal-istess sena is-Soċjetà tellgħet d-dramm li *Helena* ġewwa l-Istitut Kattoliku, il-Furjana, dramm li kien tassew wirja ta' talent Karkariż.
**2008** - Mro Roderick Bugeja ġie maħtur Surmast Direttur ġdid minflok Mro Andrew Coleiro li dam jidderieġi l-banda għal 31 sena sħaħ.

Matul din is-sena wkoll twaqqfu ta' tliet sottokumitati fi ħdan is-soċjetà, *Kummissjoni TEAK, Radju Elenjani u Sezzjoni Nisa.* Infatti fl-24 ta' Lulju ġie inawgurat *Radju Elenjani*, frekwenza 95.8 FM.

Matul din is-sena wkoll, inbeda il-proġett strutturali fis-*sede* tas-soċjetà, proġett li kien jinvolvi is-sulari kollha tal-każin kif ukoll il-"basement".

**2009** - Twaqqfet id-*Dukes Festival Band*, banda magħmula minn 18-il bandist bi strumenti tar-ramm u batterija taħt id-direzzjoni tal-Assistent Surmast attwali Aurelio Belli.

Fl-istess sena is-soċjetà tellgħet l-attività kbira *Luminarja Folk Festival* b'rabta mal-festa tal-Imnarja nhar it-28 ta' Ġunju.

**2010** - Ġew imfakkra żewg anniversarji importanti tas-Soċjetà, il-145 anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjetà u l-20 sena ta' *Kumitat Żgħażagħ*. Itella' kemm programm Annwali mill-

banda taħt id-direzzjoni Mro Roderick Bugeja fis-sala Sir Temi Zammit fl-Università ta' Malta, u kemm kunċert mid-*Dukes Festival Band* taħt id-direzzjoni ta' Mro Aurelio Belli.

Fit-18 t'April, il-bandisti tat-tliet baned Karkariżi sellmu lil Papa Benedittu XVI waqt li għadda minn quddiem Triq il-Wied fiż-żjara li kien għamel f'Malta.

**2011** - Għall-ewwel darba f'Birkirkara s-Soċjetà Każin Santa Liena Banda *Duke of Connaught's Own* b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ttella' *The Birkirkara International Music Festival* li ħa post il-Lejla Maltija ta' qabel il-festa titulari.

**2012** - Fl-okkażjoni tat-tliet anniversarji, il-175 sena mill-wasla tal-istatwa titulari maestuża ta' Santa Liena, il-175 sena mill-mewt ta' Vincenzo Borg Brared, kif ukoll is-17-il mitt sena mid-dehra tas-Salib lil Kostantinu l-Kbir, ġiet imtella' Akkademja miż-żewġ baned Elenjani, *Duke of Connaught's Own* u Sant'Elena fi Pjazza Sant'Elena fil-preżenza tal-istatwa maestuża tal-patruna Santa Liena f'nofs iż-żewġ baned.

**2014** – Fit-12 t'Awwissu ttellgħet Akkademja fil-Bażilika minn banda magħmula mill-bandisti taż-żewġ Soċjetàjiet mużikali *Duke of Connaught's Own* u Sant'Elena, fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tar-restawr li sar fuq l-istatwa titulari ta' Santa Liena.

**2015** - F'din is-sena is-Soċjetà Każin Santa Liena Banda *Duke of Connaught's Own* qiegħda tfakkar il-150 anniversarju mit-twaqqif tagħha, storja glorjuża mimlija avvenimenti memorabbli. Fl-istess sena din is-soċjetà qiegħda wkoll tiċċelebra l-25 sena mit-twaqqif tal-*Kumitat Żgħażagħ* fi ħdanha. Għaldaqstant is-Soċjetà ħasbet biex tiċċelebra dan l-anniversarju kif tabilħaqq jixraq. F'Ottubru 2014 il-Kumitat Eżekuttiv ħatar sottokumitat sabiex jipproponi programm t'attivitàjiet matul is-sena 2015. Għal dawn iż-żewġ anniversarji importanti ġie mfassal *motto* li jgħid *150 Sena Banda F'Ġieħ il-Patruna Santa Liena*. Barra minn hekk, il-kumitat xtaq li okkażjoni bħal din tiġi mfakkra wkoll b'*logo.* Għal dan il-għan intgħażel l-artist bravu żagħżugħ Għawdxi l-Kavallier Adonai Camilleri Cauchi, li pitter disinn tassew sabiħ kif jidher fir-ritratt ta' taħt. Skont Adonai Camilleri Cauchi stess, dan il-*logo* għandu tifsira, fejn fil-parti ċentrali nsibu figura femminili li tirrappreżenta l-mużika fil-libsa ta' surmast tal-banda, imlibbsa bl-ilwien tal-istess Soċjetà, l-aħmar u l-isfar. Din il-figura tidher tidderieġi l-mużiċisti ċkejknin bi strumenti konnessi mal-banda tradizzjonali u min-naħa l-oħra tħaddan is-simbolu tal-Imperatriċi Elena, li mit-twaqqif tagħha s-soċjetà kienet u għadha żżomm bħala l-għan ewlieni. Dan il-*logo* huwa ġabra ta' allegorija mużikali ta' din is-Soċjetà.

AWGURI KAŻIN SANTA LIENA BANDA DUKE OF CONNAUGHT'S OWN F'GĦELUQ IL-150 ANNIVERSARJU!

AD MULTOS ANNOS!